ŻEBBUĠ

# KUNSILL LOKALI
# IŻ-ŻEBBUĠ

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2016

## WERREJ


| | |
|---|---|
| **REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET** | **1-3** |
| **IL-KUNSILL** | **4-5** |
| **VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ** | **6-8** |
| **DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA** | **9-10** |
| **IR-RAPPORT TAL-UDITURI U D-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI** | **11** |



*Ippreparat minn Josianne Cassar*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2016.

**OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI**

Matul is-sena 2016, saru dawn is-sejħiet għall-offerti:-

- Provvediment u nstallazzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku.
- Kostruzzjoni ta' Latrini Pubbliċi fil-bajja tax-Xwejni fiż-Żebbuġ.
- Installazzjoni ta' tiżjin tal-Milied fiż-Żebbuġ.
- Stampar ta' kalendarju.
- Tindif u manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi fiż-Żebbuġ.

**IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL**

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f'Għawdex, il-Kunsill taż-Żebbuġ huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorja u dawn huma fost l-oħrajn:-

- Il-ġbir tal-iskart domestiku bieb bieb.
- Servizz ta' *bulk refuse collection*.
- Servizz ta' *skips on wheels* f'Marsalforn.
- Tlett *bring-in sites* għas-separazzjoni tal-iskart f' Marsalforn.
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku.
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq imwaħħla mal-bini.
- Ippropona lill-awtoritajiet kompetenti biex isiru xogħlijiet u proġetti kif ukoll estensjoni ta' servizzi fil-lokalita` bħal per eż. titjib fit-trasport pubbliku.

**ĦIDMA SOĊJALI**

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali:-

- Ipparteċipajna fil-festi Pawlini li saru fil-komunita` ta' Marsalforn.
- Attivita` tal-Karnival fiż-Żebbuġ.
- Xtrajna aktar kotba għall-librerija, għażla ta' kotba għat-tfal u anke għall-adulti.
- Fix-xhur tas-sajf, għamilna numru ta' korsijiet ta' tagħlim (ħjata, fuħħar, bizzilla, pittura u induratura).
- Attivitajiet biex inġabru flus għal Puttinu Cares u MCCF.
- Tellajna bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa u għaqdiet tal-lokalita` programm ta' attivitajiet fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija.
- Fakkarna Jum Iż-Żebbuġ, it-28 ta' April. Sar it-tberik ta' *pets*, bil-koperazzjoni tal-Kumitat Żebbuġ Rovers għamilna attivita` sportiva għat-tfal kollha tal-lokal fejn il-konkorrenza kienet waħda tajba ħafna, quddiesa fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ u l-qofol ċerimonja ta' tifkira bis-sehem tal-Banda Sta Marija u l-korijiet tal-parroċċa. Din is-sena, il-premju Ġieh iż-Żebbuġ ingħata lil Ex-Viċi Sindku, is-Sur Joe Bajada.
- Diversi ħarġiet f'Malta u f'Għawdex għan-nies tal-lokalita`.
- Servizz ta' tilqim tal-labra tal-influwenza.
- Kompetizzjoni tal-presepji.
- Fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied, festin għat-tfal tal-lokalita`.
- Organizzajna *fitness classes* fl-Iskola.
- *Streaming* tal-laqgħat *on line*.

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Xogħol ta' żebgħa fuq ir-railing tal-belvedere Triq Mons De Piro, iż-Żebbuġ.
- Tiswija ta' turġien tal-baħar f'Marsalforn.
- Spazzju pubbliku ġdid 'Ġnien Serħan is-Sagħtrija'.
- Għamilna diversi bankini fuq talbiet li kellna minn xi residenti.
- Saru diversi rampi f' toroq mhux urbana.

- Bdilna għadd ta’ tabelli tat-traffiku u ta’ informazzjoni.
- Bdilna diversi imirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda.
- Fuq talbiet ta’ residenti, waħħalna numru ta’ bozoz ġodda.
- Kull fejn kien hemm bżonn, naddafna u rranġajna l-gradi tal-ilma.
- Ipprovdejna l-materjal li kien hemm bżonn biex saru x-xogħlijiet ta’ manutenzjoni fil-bajjiet mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section.
- Bnejna ħitan ta’ lqugħ f’ diversi toroq mhux urbana.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ flimkien mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienu impenjati jaħdmu fuqhom matul din l-aħħar sena ta’ ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f’Marsalforn.

*Iffirmata*

**Nicky Saliba**
**Sindku**

*Iffirmata*

**Josianne Cassar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

### Numru ta' Laqgħat - 15

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Sindku** | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba | 15 | | |
| **Deputat Sindku** | | | |
| Is-Sur Daniel Cordina | 14 | | |
| **Kunsillieri** | | | |
| Is-Sur Christian Cassar | 11 | 4 | |
| Chev Carmelo Saliba | 15 | | |
| Is-Sinjura Sandra Grech | 13 | 2 | |
| ***Ex-Officio*** | | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba<br>*Chairperson*<br>Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn | 10 | 4 | 1 |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 10 | | |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | | | |
| Is-Sinjura Josianne Cassar | 5 | | |

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

**Numru ta' Laqgħat - 8**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Chairperson** | | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba | 8 | | |
| **Il-Viċi Chairperson** | | | |
| Is-Sur Frank Fenech | 7 | 1 | |
| **Membri** | | | |
| Is-Sur Martin Cefai | 6 | | 2 |
| Is-Sinjura Sandra Grech | 7 | 1 | |
| Is-Sur Simon Salamone Reynaud | 5 | 3 | |
| ***Ex-Officio*** | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba | 8 | | |
| Sindku | | | |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 6 | | |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | | | |
| Is-Sinjura Josianne Cassar | 2 | | |

## *3.0 Varjazzjonijiet fid-Dħul u l-Infiq*

### 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESKRIZZJONI** | **2016 ATTWALI €** | **2016 BUDGET €** | **2015 ATTWALI €** | **2016 BUDGET VAR €** | **2016 ATTWALI VAR €** |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 450,427.00 | 433,106.00 | 436,598.50 | 17,321.00 | 13,828.50 |
| Bye-laws | 10,905.00 | 13,600.00 | 53,522.99 | (2,695.00) | (42,617.99) |
| Investiment | 294.00 | 300.00 | 361.52 | (6.00) | (67.52) |
| TOTAL | **461,626.00** | **447,006.00** | **490,483.01** | **14,620.00** | **(28,857.01)** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 79,520.64 | 77,531.64 | 76,694.86 | (1,989.00) | (2,825.78) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 303,951.00 | 276,191.00 | 275,152.42 | (27,760.00) | (28,798.58) |
| Infieq Kapitali | 68,630.00 | 139,147.00 | 322,473.83 | 70,517.00 | 253,843.83 |
| TOTAL | **452,101.64** | **492,869.64** | **674,321.11** | **40,768.00** | **222,219.47** |
| **Bilanċ** | **9,524.36** | **(45,863.64)** | **(183,838.10)** | **(26,148.00)** | **(251,076.48)** |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | 2016 ATTWALI € | 2016 STIMA € | 2015 ATTWALI € | 2016 BUDGET VAR € | 2016 ATTWALI VAR € |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 433,074.00 | 430,884.00 | 419,382.00 | 2,190.00 | 13,692.00 |
| Supplimentari | | | | | |
| Bżonnijiet Speċjali | | 1,600.00 | | (1,600.00) | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | 17,353.00 | 622.00 | 17,216.50 | 16,731.00 | 136.50 |
| | **450,427.00** | **433,106.00** | **436,598.50** | **436,598.50** | **13,828.50** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 6,753.00 | 7,000.00 | 31,475.34 | (247.00) | (24,722.34) |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 948.00 | 800.00 | 14,769.70 | 148.00 | (13,821.70) |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | 600.00 | | 50.00 | 600.00 | 550.00 |
| Ġenerali | 2,604.00 | 5,800.00 | 7,227.95 | (3,196.00) | (4,623.95) |
| | **10,905.00** | **13,600.00** | **53,522.99** | **(2,695.00)** | **(42,617.99)** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 294.00 | 300.00 | 361.52 | (6.00) | (67.52) |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **294.00** | **300.00** | **361.52** | **(6.00)** | **(67.52)** |
| **TOTAL** | **461,626.00** | **447,006.00** | **490,483.01** | **433,897.50** | **(28,857.01)** |

## 3.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

4.3 Skeda ddettaljata ta' varjazzjonijiet fl-Infieq

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESKRIZZJONI** | **2016 ATTWALI €** | **2016 STIMA €** | **2015 ATTWALI €** | **2016 BUDGET VAR €** | **2016 ATTWALI VAR €** |
| **Infçq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 7,229.00 | 7,229.00 | 7,048.32 | | (180.68) |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 51,033.00 | 49,044.00 | 48,602.70 | (1,989.00) | (2,430.30) |
| Bonus | 8,723.00 | 8,723.00 | 8,664.48 | | (58.52) |
| Dħul Supplimentari | 605.64 | 605.64 | 605.64 | | |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 4,007.00 | 4,007.00 | 3,959.28 | | (47.72) |
| 'Allowances' | 7,923.00 | 7,923.00 | 7,814.44 | | (108.56) |
| 'Overtime' | | | | | |
| | **79,520.64** | **77,531.64** | **76,694.86** | **(1,989.00)** | **(2,825.78)** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 6,913.00 | 5,638.00 | 5,505.38 | (1,275.00) | (1,407.62) |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 513.00 | 800.00 | 615.95 | 287.00 | 102.95 |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 86,442.00 | 63,000.00 | 57,381.03 | (23,442.00) | (29,060.97) |
| Kera | 4,647.00 | 4,983.00 | 4,949.53 | 336.00 | 302.53 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 762.00 | 1,000.00 | 660.00 | 238.00 | (102.00) |
| Spejjeż tal-Ufficċju | 5,590.00 | 6,000.00 | 2,313.73 | 410.00 | (3,276.27) |
| Trasport | 4,211.00 | 2,000.00 | 1,629.65 | (2,211.00) | (2,581.35) |
| Vjaġġar/safar | | 3,500.00 | | 3,500.00 | |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 10,764.00 | 5,000.00 | 4,729.46 | (5,764.00) | (6,034.54) |
| Servizzi b' Kuntratt | 115,802.00 | 135,370.00 | 148,812.02 | 19,568.00 | 33,010.02 |
| Servizzi Professjonali | 15,501.00 | 12,000.00 | 8,850.92 | (3,501.00) | (6,650.08) |
| Training | | 400.00 | | 400.00 | |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 45,778.00 | 35,000.00 | 37,821.12 | (10,778.00) | (7,956.88) |
| Spejjeż Inċidentali | 7,028.00 | 1,500.00 | 1,883.63 | (5,528.00) | (5,144.37) |
| | **303,951.00** | **276,191.00** | **275,152.42** | **(27,760.00)** | **(28,798.58)** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | 1,177.50 | | 1,177.50 |
| Titjib | | | 30,803.69 | | 30,803.69 |
| Makkinarju u Apparat | 2,152.00 | | 350.30 | (2,152.00) | (1,801.70) |
| Proġetti Speċjali | 66,478.00 | 139,147.00 | 290,142.34 | 72,669.00 | 223,664.34 |
| | **68,630.00** | **139,147.00** | **322,473.83** | **70,517.00** | **253,843.83** |
| **TOTAL** | **452,101.64** | **492,869.64** | **674,321.11** | **40,768.00** | **222,219.47** |

## *4.0 Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### Kont Bank of Valletta EAccount 40021326464

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 267,568.90 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2016 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **267,568.90** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2016** | 267,568.90 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2016 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2016 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **267,568.90** |

**Kont Bank of Valletta Kurrenti 40021326529**

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 0.31 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2016 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | (126,425) |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **(126,424.69)** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2016** | (126,426.69) |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2016 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2016 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | **(126,424.69)** |

## *Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja (ikomplu)*

### Kont Savings a/c Pjazza Project 40023266865

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 22,071.06 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2016 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **22,071.06** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2016** | 22,071.06 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2016 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2016 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | **22,071.06** |